

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10622/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)**

**AGRI 347
AGRILEG 112
AGRIFIN 41
AGRISTR 45
AGRIORG 40
CODEC 1262
CADREFIN 287**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK - <i>Thejġġja tad-dibattitu tal-Kunsill dwar l-aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK wara l-2020</i>

Bi thejġġja għall-Kunsill "Agricoltura u Sajd" tal-15 ta' Lulju 2019, id-delegazzjonijiet isibu fl-Annex dokument ta' diskussjoni mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, inkluż żewġ mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu ministerjali.

Dokument ta' diskussjoni tal-Prezidenza dwar l-aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK wara l-2020

Id-dinja qed tiffaċċa sfidi ambjentali kbar inkluż b'mod partikolari t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tar-riżorsi naturali bħall-arja, l-ilma u l-ħamrija.

Bħala settur li jkopri madwar 40 % tat-territorju tal-UE, l-**agrikoltura** għandha rwol importanti fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Dan ir-rwol hu sostnut ukoll mill-interdipendenza mill-qrib tas-settur mal-ambjent u l-klima. L-influwenza tal-agrikoltura fuq l-ambjent u l-klima hija multidimensjonali: filwaqt li hija, pereżempju, responsabbli għal 10 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-UE, il-biedja tikkostitwixxi bir ta' karbonju naturali importanti. Min-naħa l-oħra, l-agrikoltura u r-riżorsi naturali li hija tiddependi wkoll fuqhom, huma wkoll influwenzati ħafna minn tibdil fil-klima minħabba avvenimenti estremi tat-temp. Pereżempju, il-konsegwenzi ta' nixfiet severi fil-perijodi reċenti laqtu b'mod serju lill-bdiewa, mhux biss f'pajjiżi tradizzjonalment esposti għal dan it-tip ta' kondizzjonijiet estremi tat-temp. Tali avvenimenti estremi tat-temp huma previsti li jiżdiedu kemm fil-frekwenza u fl-intensità. Il-preservazzjoni tal-ambjent u tal-klima għalhekk tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-kondizzjonijiet tal-produzzjoni u d-dħul tal-bdiewa.

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perijodu wara l-2020. Il-Kummissjoni diversi drabi għamlet biċ-ċar li ż-żieda tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika hija waħda mill-prijoritajiet prinċipali tar-riforma tal-PAK. Għal dan il-għan, il-miżuri ekoloġiċi u l-iskema tal-kondizzjonalità attwali ser jingħaqdu f'**kondizzjonalità "msaħħa"**, li tirrappreżenta "linja bażi" oġhla u usa' li magħha għandu jkun hemm konformità biex jingħataw il-pagamenti skont il-PAK. Dan jiġi kkomplementat bl-ekoskemi ffinanzjati taħt il-Pilastru I u l-klima agroambjentali kif ukoll tipi oħra ta' interventi taħt il-Pilastru II. Mekkaniżmi oħra li jikkontribwixxu għal ambizzjoni ambjentali u klimatika oġhla jinkludu nefqa minima ta' 20 % tal-programmi operazzjonali għall-frott u l-ħxejjex, delimitazzjoni ta' 30 % tan-nefqa tal-FAEŻR għall-oġettivi relatati mal-ambjent u mal-klima u r-rekwiżit għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li juru ambizzjoni ġenerali akbar fir-rigward tal-ambjent u l-klima meta mqabbla mal-perijodu attwali. Barra minn hekk, 40 % tal-baġit tal-PAK fil-futur hu mistenni li jikkontribwixxi għall-oġettivi klimatiċi.

Waqt li bena fuq l-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (Riforma tal-PAK) u l-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, il-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-15 ta' April 2019 kellu skambju ta' fehmiet dwar "l-arkitettura ekoloġika" l-għdida proposta. F'dik l-okkażjoni, ħafna delegazzjonijiet irrikonoxxew ir-rwol ewlieni tal-PAK u tal-bdiewa fir-rigward tal-ambjent u t-tibdil fil-klima. **Ħafna delegazzjonijiet appoġġaw ukoll żieda tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK, dment li l-baġit tal-PAK ikun proporzjonat, kien hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri u biżżejjed libertà għalihom biex ikunu jistgħu jadattaw ir-regoli għall-ispeċifitàjiet tagħhom u jżommuhom sempliċi kemm jista' jkun possibbli.**

Fir-rigward tal-"**kondizzjonalità msaħħa**", id-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza ta' regoli flessibbli u sempliċi li jippermettu lill-Istati Membri jaġġustaw r-rekwiżiti għall-ħtiġijiet lokali. Fehmiet diverġenti kienu espressi dwar jekk il-bdiewa zġhar għandhomx ikunu eżenti jew le mill-kondizzjonalità. Tfaċċaw aktar pożizzjonijiet konsenswali dwar il-ħtieġa li tkun prevista sistema proporzjonali tal-kontrolli u l-penali għalihom. Id-delegazzjonijiet kienu diviżi dwar jekk l-ekoskemi għandhomx ikunu obligatorji jew volontarji għall-Istati Membri, u dwar jekk ammonti minimi għandhomx jiġu allokat i għalihom. Irrispettivament mid-disinn speċifiku tal-ekoskemi, il-ħtieġa li jiġu evitati ammonti li ma jintefqux f'każ ta' introduzzjoni baxxa tibqa' kwistjoni ta' tħassib għal ħafna delegazzjonijiet. Id-delimitazzjoni ta' 30 % proposta tal-FAEŻR għall-miżuri klimatiki u ambjentali kellha appoġġ kbir.

Konsiderazzjonijiet simili tfaċċaw fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-14 ta' Mejju 2019, meta ġew diskussi l-aspetti agrikoli tal-Komunikazzjoni "Pjaneta Nadifa Għal Kulħadd". Il-Ministri appoġġaw ambizzjoni oġhla tal-PAK futura fir-rigward tal-kontribut possibbli tagħha għall-oġettivi klimatiki permezz tal-kondizzjonalità "msaħħa" proposta. Fil-fehma tagħhom, "l-arkitettura ekoloġika" tal-PAK futura għandha tinkoraġġixxi lill-bdiewa biex jintroduċu l-prattiki li huma ta' benefiċċju għall-ambjent.

Il-**Kunsill Ewropew** diversi drabi afferma mill-ġdid il-prijorità għolja li hu jaġhti lit-trawwim tal-kura ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Fil-laqgħa tagħhom tal-20 u l-21 ta' Ġunju, il-mexxejja tal-UE qablu li jintensifikaw l-azzjoni klimatika globali biex jinkiseb l-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż billi jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 C 'il fuq mill-livelli preindustrijali. Huma appellaw ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kondizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandhom jiġu attwati sabiex tiġi żgurata transizzjoni għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Fl-**Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024**, adottata mill-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019, il-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli kienet stabbilita bħala waħda mill-prijoritajiet li jiggwidaw il-ħidma tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin.

Fid-dawl tal-kuntest ta' hawn fuq, il-Ministri ser jiġu mistiedna jindirizzaw il-**mistoqsijiet** li ġejjin fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-15 ta' Lulju:

B'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jappellaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kondizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandhom jiġu attwati sabiex tiġi żgurata transizzjoni għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima u l-ħtieġa li dan l-impenn jintlaħaq ukoll fil-PAK:

- liema elementi fil-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK ta' wara l-2020 tikkunsidraw bħala essenzjali li tintlaħaq l-ambizzjoni oġġla ambjentali u klimatika?

- b'konsiderazzjoni tas-suġġerimenti tal-abbozzar magħmula mill-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena, tqisu meħtieġ kwalunkwe titjib biex jinkiseb l-oġġla livell tal-ambizzjoni ambjentali u klimatika, b'kont meħud tas-simplifikazzjoni, il-fattibbiltà għall-bdiewa u d-differenzi fil-kondizzjonijiet lokali?